PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2235(INI)

22.10.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni, fl-Unjoni Ewropea, tad-Direttiva 2003/9/KE li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu aż̀il: żjarat tal-Kumitat LIBE mill-2005 sal-2008
(2008/2235(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Martine Roure

PR_INI

SOMMARJU

Paġna

PROPOSTA TA' RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

PROPOSTA TA' RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni, fl-Unjoni Ewropea, tad-Direttiva 2003/9/KE li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil: żjarat tal-Kumitat LIBE mill-2005 sal-2008
(2008/2235(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/9/KE tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil fl-Istati Membri[1] ("Direttiva Akkoljenza"),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/85/KE tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istejtus ta' rifuġjat fl-Istati Membri[2] ("Direttiva Proċedura"),

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 343/2003 tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz[3] ("Regolament Dublin II"),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2007 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil fl-Istati Membri (COM(2007)0745),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 8 tagħha,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

– wara li kkunsidra r-rapporti tad-delegazzjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fl-Italja (Lampeduża), fi Spanja (Ceuta u Melilla, il-Gżejjer Kanarji), fi Franza (Pariġi), f'Malta, fil-Greċja, fil-Belġju, fir-Renju Unit, fl-Olanda, fil-Polonja, fid-Danimarka u f'Ċipru,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2008),

A. wara li kkunsidra li d-Direttiva 2003/9/KE li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil hija element fundamentali tal-ewwel fażi tas-sistema ta' asil Ewropew komuni,

B. wara li kkunsidra li d-Direttivi Akkoljenza u Proċedura jimponu li l-Istati Membri jipprovdu lil dak li jfittxu l-kenn informazzjoni bil-miktub dwar id-drittijiet tagħhom, kif

[1] ĠU L 31 tas-6.2.2003, p. 18.
[2] ĠU L 326 tat-13.12.2005, p. 13.
[3] ĠU L 50 tal-25.2.2003 p. 1.

ukoll dwar l-organizzazzjonijiet li jiżguraw assistenza; u li huwa primittiv għal dawk li jfittxu l-kenn u għall-immigranti – minħabba l-kumplessità tal-proċeduri u tal-iskadenzi qosra – b'mod partikolari għall-każijiet ta' proċedura aċċelerata – li jibbenifikaw minn kunsill ġuridiku adegwat, li jkollhom aċċess għal interpretu u li jirċievu d-deċiżjonijiet li jikkonċernawhom b'lingwa li jifhmu,

C. wara li kkunsidra li huwa essenzjali li wieħed jara li l-proċeduri ta' kenn ikunu ċari (kriterji ta' meta għandha tiġi aċċettata jew rifjutata talba għall-kenn), ġusti, effettivi u proporzjonati, sabiex jiżguraw l-aċċess effettiv għall-kenn,

D. wara li kkunsidra li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/9/KE jagħti lil dawk li jfittxu l-kenn id-dritt ta' moviment liberu fi ħdan l-Istat Membru li fih huma jkunu talbu l-kenn, iżda li dan id-dritt jista' jkun ristrett għall-Istati Membri,

E. wara li kkunsidra li l-Konvenzjoni għad-drittijiet tat-tfal tipproteġi d-drittijiet tal-minorenni kollha, inklużi dawk li qegħdin barra mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom u li d-Direttiva Akkoljenza timponi li l-Istati Membri jikkunsidraw is-sitwazzjoni partikolari tal-minorenni u li tagħtihom drittijiet speċifiċi bħal pereżempju d-dritt għall-edukazzjoni,

F. wara li kkunsidra li matul iż-żjarat tagħhom, id-deputati qalu diversi drabi li l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni ma kinux tollerabbli mill-perspettiva tal-iġjene, tal-promiskwità, tat-tagħmir disponibbli, u li l-persuni detenuti ma kinux jiġu informati sistematikament dwar ir-raġunijiet tad-detenzjoni tagħhom, dwar id-drittijiet tagħhom u dwar l-istat ta' avvanz tal-każijiet tagħhom,

Kummenti ġenerali u proċeduri ta' kenn

1. jiddispjaċieh li ż-żjarat li saru wrew li d-Direttivi attwali kienu għadhom qegħdin jiġu applikati ħażin, jew mhux applikati xejn, mill-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura t-traspożizzjoni u l-ħarsien tad-Direttivi;

2. jikkundanna l-poter sinifikanti u diskrezzjonali li ngħata lill-Istati Membri permezz tad-Direttiva 2003/9/KE, b'mod partikolari rigward il-livell u l-forma ta' kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u l-aċċess għall-impjieg u l-kura tas-saħħa, għad-detriment tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri;

3. jistieden lill-Istati Membri sabiex juru solidarjetà ikbar mal-pajjiżi li huma l-aktar milqutin mill-immigrazzjoni, li ma tillimitax ruħha għal solidarjetà teknika u/jew finanzjarja; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-possibiltà ta' proposta ta' strument Ewropew ta' skambju ta' spejjeż, sabiex tiżgura effiċjenza aħjar għall-Istati Membri u livell għoli ta' protezzjoni għal dawk li jfittxu l-kenn;

4. jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi sistema ta' żjarat u ta' spezzjoni permanenti; jixtieq li l-Kumitat LIBE jkompli biż-żjarat tiegħu sabiex jiżgura l-ħarsien tal-liġi Komunitarja rigward il-kondizzjonijiet ta' kenn;

Akkoljenza

5. jiddispjaċieh li l-kapaċità taċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa mwaqqfa minn ċerti Stati Membri hija waħda limitata u tidher li ma tikkorrispondix għall-ħtiġijiet;

6. jitlob li l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti tingħata prijorità fiċ-ċentri ta' akkoljenza miftuħa, iqis li dawk li jfittxu l-kenn huma partikolarment vulnerabbli u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri privati tal-libertà;

7. ifakkar l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw l-aċċess għall-proċeduri tat-talba għall-kenn;

8. iqis li huwa neċessarju li jinstab ekwilibriju bejn proċeduri aċċelerati, kontroll tal-arretrati u trattament ġust ta' kull każ individwali – b'mod partikolari fil-każ tal-proċeduri aċċelerati;

Aċċess għall-informazzjoni u d-dritt għall-interpretazzjoni

9. jirrimarka li l-informazzjoni dwar il-proċeduri hija fil-parti l-kbira tagħha bil-miktub, u li l-iskadenzi huma qosra wisq, u li dan jista' jikkawża problema ta' fehim u jwassal għal tfixkil għal dawk li jfittxu l-kenn meta jkunu jridu jeżerċitaw id-drittjiet tagħhom biex iressqu t-talbiet tagħhom; jitlob li l-fuljetti li jispjegaw id-drittijiet kollha ta' dawk li jfittxu l-kenn u tal-immigranti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom, f'diversi lingwi; jitlob lill-Istati Membri sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll permezz ta' mezzi oħra, inklużi dawk orali jew televiżivi;

10. jesprimi t-tħassib tiegħu rigward in-nuqqas ta' interpreti matul laqgħat uffiċjali; jitlob minnufih li l-Istati Membri jiżguraw servizz ta' interpretazzjoni pubbliku u bla ħlas, jekk hemm bżonn anki telefonikament;

11. iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jitolbu l-assistenza finanzjarja tal-Fondi Ewropej għar-rifuġjati sabiex itejbu l-aċċess għall-informazzjoni u b'mod partikolari sabiex iżidu n-numru tal-lingwi li fihom tkun disponibbli l-informazzjoni jew l-appoġġ tagħhom;

Assistenza ġuridika

12. jiddispjaċieh li l-aċċess għal assistenza ġuridika bla ħlas jidher li hu ristrett għal dawk li jfittxu l-kenn u għall-immigranti u li kultant hija limitata għal numru ta' avukati, b'konsegwenza li l-persuni li ma jkollhomx mezzi finanzjarji suffiċjenti jibqgħu mingħajr assistenza;

13. ifakkar li huwa partikolarment diffiċli li tinsab assistenza ġuridika adegwata għall-persuni detenuti, meta titqies id-diffikultà li wieħed isib biex jikkomunika mad-dinja esterna;

14. josserva li l-kontinwità tal-aċċess għall-avukati ssir iżjed diffiċli hekk kif id-detenuti jintbagħtu minn ċentru ta' akkoljenza jew ta' detenzjoni għall-ieħor;

15. jifraħ lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u r-Rappreżentanti tal-Organizzazzjonijiet Non-Governattivi (NGOs) għax-xogħol tagħhom ta' assistenza ġuridika imma huwa tal-opinjoni li dawn mhumiex se jkunu jistgħu jissostitwixxu r-responsabiltajiet tal-Istati;

16. iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu assistenza ġuridika pubblika bla ħlas u effettiva għal dawk kollha li jfittxu l-kenn u għall-immigranti;

Aċċess għas-saħħa

17. jiddispjaċieh li fil-maġġoranza taċ-ċentri ta' detenzjoni li żar, dawk li jfittxu l-kenn u l-immigranti jilmentaw b'mod sistematiku dwar l-insuffiċjenza u l-inadegwatezza tal-kura medika, dwar id-diffikultajiet biex jarawhom it-tobba jew biex jikkomunikaw magħhom, dwar in-nuqqas ta' kuri speċifiċi (b'mod partikolari għan-nisa tqal, vittmi ta' torturi) u dwar il-mediċini;

18. jitlob lill-Istati Membri sabiex jestendu l-kopertura medika offruta bħalissa sabiex ma tkunx limitata biss għall-kura ta' urġenza u sabiex jiggarantixxu wkoll is-saħħa mentali;

Aċċess għall-impjieg

19. jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipproponi emenda għal Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/9/KE sabiex tippermetti titjib fl-aċċess għas-suq tax-xogħol;

20. jitlob lill-Istati Membri sabiex ma jimponux restrizzjonijiet legali jew amministrattivi li jkunu magħmulin minn tfixkil għall-aċċess tal-impjieg;

Assistenza provduta mill-NGOs

21. jirrikonxxi x-xogħol konsiderevoli li jsir mill-assoċjazzjonijiet rigward l-assistenza għal dawk li jfittxu l-kenn u għall-immigranti illegali;

22. jitlob lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu l-aċċess mingħajr tfixkil legali jew amministrattiv tal-assoċjazzjonijiet lil dawk li jfittxu l-kenn u lill-immigranti illegali, inklużi dawk li jinsabu fiċ-ċentri ta' detenzjoni;

Detenzjoni

23. jiddispjaċieh li l-Istati Membri, iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar qegħdin jirrikorru għad-detenzjoni; ifakkar li d-detenzjoni għandha tkun miżura li tintuża meta ma jkunx għad fadal alternattiva oħra, minħabba li jidher li kull miżura oħra li mhix privata ta' libertà ma kellhiex l-effetti mixtieqa, għandu jkollha suġġett definit (pereżempju d-distanza) u t-tul ta' żmien ta'detenzjoni għandu jkun limitat għall-implimentazzoni ta' dan l-objettiv;

24. ifakkar li l-Artikolu 5 tal-KEDB jagħti d-dritt li tiġi kkontestata miżura privata ta' libertà; jitlob li kull ċittadin ta' pajjiż terz li jitpoġġa f'detenzjoni jkun jista' jagħmel tali rikors;

25. jinkwieta dwar il-kondizzjonijiet ta' karċerazzjoni li jinżammu fihom l-immigranti illegali u dawk li jfittxu l-kenn, għalkemm ma jkunu wettqu l-ebda reat; jitlob li l-persuni jinżammu f'bini apparti sabiex tiġi mħarsa l-protezzjoni tagħhom;

26. jinsab imħasseb dwar l-istat ta' abbandun u ta' nuqqas ta' iġjene f'ċerti ċentri ta' detenzjoni; ifakkar li l-obbligu ta' akkoljenza dinjituża għandu japplika wkoll għall-persuni detenuti; jitlob li ċ-ċentri kollha li mhumiex konformi jingħalqu mill-aktar fis;

27. josserva li l-aċċess għall-kura tas-saħħa, b'mod partikolari għall-kura psikoloġika, huwa ta' spiss proċess diffiċli minħabba l-kondizzjonijiet tal-ħabs; jitlob lill-Istati Membri sabiex jiżguraw preżenza medika adegwata u indipendenti, inkluża dik psikoloġika, fiċ-ċentri ta' detenzjoni, billejl u binhar;

28. jistieden lill-Istati Membri sabiex itejbu l-kuntatt mad-dinja esterna, anki billi jippermettu żjarat regolari, żieda fl-aċċess għat-telefon, u billi jkun hemm aċċess ġenerali għall-Internet fiċ-ċentri kollha;

Minorenni mhux akkompanjati u familji

29. ifakkar li l-interess superjuri tat-tfal għandu jkun fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet jew miżuri kollha li jittieħdu u li jkunu jikkonċernaw il-minorenni, f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal;

30. jitlob li d-detenzjoni tal-immigranti u ta' dawk li jfittxu l-kenn li jkunu minorenni tkun ipprojbita, bi prinċipju; u li r-rikors għad-detenzjoni tal-minorenni akkompanjati mill-ġenituri tagħhom tkun eċċezzjoni u jkollha l-għan li tiggarantixxi l-aħjar interess għat-tfal;

31. iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan sabiex jiffirmaw u jirratifikaw, mingħajr l-ebda riserva, il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal;

32. ifakkar li l-minorenni kollha għandhom id-dritt għall-edukazzjoni, kemm jekk ikunu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u kemm jekk le; jitlob lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu dan id-dritt, anki meta l-minorenni jkun detenut; jitlob li l-aċċess għall-edukazzjoni jseħħ fil-komunità u mingħajr l-ebda tip ta' restrizzjoni amministrattiva li twassal għal separazzjoni tal-minorenni barranin, sabiex jiggarantixxi titjib fl-integrazzjoni tat-tfal u tal-familji tagħhom;

33. ifakkar li l-minorenni għandhom id-dritt għal rikreazzjoni adegwata għall-età tagħhom, u jitlob lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu dan id-dritt anki meta t-tfal ikunu detenuti;

34. jitlob li l-Istati Membri jiggarantixxu li l-minorenni mhux akkompanjati u l-familji jitpoġġew f'ċentri separati, anki meta jkunu f'detenzjoni, sabiex tkun projbita l-promiskwità ma' adulti oħra u sabiex l-aċċess għal ambjent protettiv ikun garantit;

35. jixtieq li l-persuni kollha li jaħdmu mal-minorenni u ma' dawk mhux akkompanjati jirċievu taħriġ speċjalizzat u adegwat għas-sitwazzjoni tat-tfal;

Minorenni mhux akkompanjati

36. jitlob li gwardjan legali indipendenti jinħatar għal kull minorenni mhux akkompanjat sabiex jiżgura l-protezzjoni tiegħu; jitlob definizzjoni ċara tal-kompetenzi u tal-irwol tal-gwardjan legali;

37. ifakkar lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi obbligazzjonijiet ta' identifikazzjoni u ta' riċerka ta' membru tal-familja fl-Unjoni Ewropea, sabiex tiggarantixxi li minorenni mhux akkompanjat ikun jista' jerġa' jingħaqad ma' membru tal-familja tiegħu jekk dan ikun fl-interess tiegħu;

38. jitħasseb dwar il-fenomenu tal-għajbien ta' minorenni mhux akkompanjati; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu sistema armonizzata ta' ġbir ta' dejta u ta' statistiċi rigward l-identifikazzjoni u l-assistenza mogħtija lill-minorenni mhux akkompanjati sabiex jiġġieldu lil dan il-fenomenu;

39. jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu mekkaniżmu armonizzat u kredibbli ta' identifikazzjoni ta' minorenni mhux akkompanjati, u regoli komuni rigward id-dibattiti tal-età; hawnhekk ifakkar li matul il-proċedura tad-dibattitu tal-età, il-persuna kkonċerna għandha, minħabba l-prinċipju ta' prekawzjoni, titqies bħala minorenni sakemm tispiċċa l-proċedura u għalhekk tkun trattata bħala tali;

Familji

40. ifakkar li l-Artikolu 8 tal-KEDB jiggarantixxi l-ħarsien tal-ħajja privata u familjari; jitlob lill-Istati Membri sabiex jipproteġu l-unità familjari;

41. ifakkar lill-Istati Membri sabiex jistudjaw il-miżuri kollha adegwati, minbarra l-miżura privata ta' libertà, u sabiex juru li dawn mhumiex effiċjenti, qabel ma jiġu detenti familji li jkunu jinkludu l-minorenni;

42. jixtieq li l-familji li qegħdin ifittxu l-kenn ikollhom aċċess għal servizzi familjari, għal servizzi ta' tfulija u għal żjarat mediċi speċjalizzati fil-protezzjoni tat-tfulija;

Persuni vulnerabbli

43. jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi standards obbligatorji għall-identifikazzjoni tal-persuni vulnerabbli, b'mod partikolari l-vittmi tat-torturi jew tat-traffikar tal-bnedmin;

44. jikkunsidra li l-persuni vulnerabbli kollha, minħabba fis-sitwazzjoni partikolari tagħhom, għandhom jitpoġġew f'detenzjoni minħabba li dan jista' jkollu riperkussjonijiet serji fuq l-istat tagħhom;

45. iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu assistenza speċjalizzata għall-persuni vulnerabbli u għall-vittmi ta' tortura u ta' traffikar, b'mod partikolari għajnuna psikoloġika, sabiex jiggarantixxu l-protezzjoni tagħhom; jitlob li l-istaff kollu li jkun f'kuntatt mal-persuni vulnerabbli, inkluż l-istaff responsabbli mill-applikazzjonijiet għall-kenn, jirċievi taħriġ speċjalizzat;

Sistema ta' Dublinu

46. jitħasseb dwar iż-żieda fin-numru ta' persuni detenuti fil-kuntest tas-sistema ta' Dublinu u dwar ir-rikors kważi-sistematiku għall-miżuri privati ta' libertajiet minn ċerti Stati Membri; jixtieq li dawn il-persuni ma jiġux detenuti jekk ir-riskju li dawn jaħarbu ma jkunx ġie ppruvat u indikat mill-Istat Membru;

47. jilmenta dwar il-fatt li ċerti Stati Membri jillimitaw l-aċċess ta' persuni li joħorġu mis-sistema ta' Dublinu għall-istandards ta' akkoljenza; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi b'mod ċar li d-Direttiva 2003/9/KE tapplika wkoll għal dawn il-persuni sabiex tiżgura li dawn jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha;

48. jitlob lill-President tiegħu sabiex jikkomunika din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.